MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Numru 1322/2009

Il-Pulizija
(Spettur M Sammut
Spettur N Sant)

vs

Aldo Cardona

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identità numru 516273M, akkuzat talli f’dan il-Gzejjer nhar il-21 ta’ Dicembru 2009 ghal habta tal-erba’ ta’ filghodu (04:00hrs), gewwa Triq San Gorg, San Giljan, l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan u/jew fil-vicinanzi: -

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS1 J Busuttil, PC1381 E. Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li

kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PS1 J. Busuttil u PC1381 E. Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PS1 J. Busuttil u PC1381 E. Vella;

4. volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

5. ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku, xi kliem oxxen jew indicenti;

6. f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku nstab fis-sakra b’mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

7. irrifjuta jaghti, lil ufficjal pubbliku, waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;

8. ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ ghamel, jew billi gab ix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma konsegwenti ghall-incident li gara gewwa Paceville fejn gie arrestat l-akkuzat minhabba l-komportament tieghu xejn edifikanti rizultat ta' xorb li l-akkuzat ikkonsuma f'dak il-lejl.

Huwa akkuzat bi ksur tal-Artikolu 95, 96, 221, 338(bb)(dd)(ff) tal-Kap 9.

Stante l-verbal tal-lum stess l-Qorti qeghdha titratta mal-akkuzat billi tapplikalu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum; dana wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 17 tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------